MALTA

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF MIRIAM HAYMAN

**Rikors Guramentat Nru: 511/2015 MH**

**Illum 15 ta' Jannar, 2016**

**Joseph Lia (KI 791247M)**

**vs**

**John Gauci (KI 137548M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Joseph Lia datat 27 ta' Mejju 2015, fejn gie premess:

***"Illi b'sentenza datata 29 ta' Gunju 1984 fl-ismijiet premessi, l-intimat John Gauci gie kundannat ihallas lill-attur is-somma ta' erbat elef u erbgha Euro u dsatax il-centezmu (Eur4,004.19) ekwivalenti ghal elf seba' mija u dsatax il-Lira Maltin (Lm1, 719) bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kollox kif ahjar spjegat fl-istess sentenza (kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet premessi hawn annessa u markata Dokument "A");***

***Illi b'sentenza ohra datata 2 ta' Gunju 1992 fl-istess ismijiet il-Qorti***

***ordnat mill-gdid l-ezekuzzjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija skond il-ligi, izda dan minghajr imghaxijiet legali (kopja legali hawn annessa u markata Dokument "B");***

***Illi minkejja li l-imsemmi John Gauci gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas is-sorte u l-ispejjez hu baqa' ma hallas xejn;***

***Illi l-esponent ghandu nteress li jerga' jezegwixxi s-sentenza hawn fuq imsemmija kontra l-imsemmi John Gauci ai termini tal-Artikolu 259 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;***

***Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-ezekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Joseph Lia vs John Gauci (Cit. Nru.402/84JH) deciza mill-Qorti tal-Kummerc, wara li l-istess Qorti regghet ordnat li tigi reza ezegwibbli b'sentenza ohra moghtija fit-2 ta' Gunju 1992 fl-istess ismijiet (Numru 1189/1989JF) kif hawn fuq ahjar spjegat, kollox ai termini tal-artikolu 258 et sequitur tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.***

***Bl-ispejjez."***

Rat id-dokumenti kollha esebiti mal-istess rikors guramentat u cioe' **Dok A** li huwa vera kopja tas-sentenza Cit Nru 1189/89 fl-ismijiet *Joseph Lia vs John Gauci* deciza fit-2 ta' Gunju 1992 u li permezz taghha sentenza ohra fl-istess ismijiet Cit Nru 402/84 u li kienet giet deciza fit-29 ta' Gunju 1984 giet reza ezegwibbli mill-gdid; **Dok B** li huwa vera kopja tas-sentenza Cit Nru 402/84 fl-ismijiet *Joseph Lia vs John Gauci* deciza fit-29 ta' Gunju 1984 u li permezz taghha r-rikorrent kien gie kanonizzat kreditur tal-intimat ghas-somma ta' elf seba' mija u dsatax il-Lira Maltin (Lm1, 719) ekwivalenti ghas-somma ta' erbat elef u erbgha Euro u dsatax il-centezmu (Eur4,004.19).

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Mejju 2015 u li permezz tieghu ir-rikors gie appuntat ghall-1 ta' Lulju 2015 b'dana li r-rikorrent kellu fil-frattemp jizgura li

l-intimat Gauci jkun debitament notifikat bl-atti. Permezz tal-istess digriet l-intimat inghata ghoxrin jum minn notifika biex iwiegeb b'dana illi fin-nuqqas tieghu li jattendi ghas-seduta, il-Qorti kellha tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent. Ir-rikorrent gie wkoll awtorizzat jinnotifika lill-intimat wara l-hin legali fl-eventwalita' li l-ewwel riferta tkun negattiva.

Rat illi sal-ewwel seduta fl-1 ta' Lulju 2015 minkejja tentattivi ta'notifika inkluz wara l-hin legali l-intimat kien ghadu ma giex notifikat u ghalhekk ir-rikorrent gie awtorizzat sabiex jinnotifika lill-istess John Gauci permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u zewg gazzetti lokali ta' kuljum (wahda bl-Ingliz u l-ohra bil-Malti). Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li dan hu l-uniku ndirizz li jaf bih fejn jista' jigi notifikat l-intimat.

Rat illi finalment saret in-notifika lill-intimat tramite il-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni f'zewg gazzetti lokali, wahda bil-lingwa Maltija, fil-gurnal L-Orizzont tat-3 ta' Dicembru, 2015 u l-ohra bil-lingwa Ingliza, fil-gurnal *The Malta Independent* ukoll tat-3 ta' Dicembru, 2015 kif ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Novembru, 2015.

Rat pero' li nonostante l-imsemmija notifiki u pubblikazzjonijiet, l-intimat baqa' kontumaci.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrent qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrendi ri-ezegwibbli t-titolu ezekuttiv akkwistat minnu permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Gunju 1984 fl-ismijiet *Joseph Lia vs John Gauci* (Cit Nru 402/84) kif reza ezegwibbli mill-gdid permezz ta' sentenza ohra Cit Nru 1189/1989 fl-istess ismijiet nhar it-2 ta' Gunju 1992.

Illi fir-rikors odjern ir-rikorrent ikkonferma bil-gurament illi l-intimat baqa' ma hallas xejn minn dak dovut minnu.

Illi filwaqt li permezz tas-sentenza tad-29 ta' Gunju 1984 il-Qorti tal-Kummerc kienet laqghet it-talbiet tar-rikorrent billi ordnat lill-intimat ihallsu s-somma ta' elf seba' mija u dsatax il-Lira Maltin Lm1,719 (Eur4,004.19) bl-ispejjez u bl-imghax mitluba, jirrizulta li fis-sentenza tat-2 ta' Gunju 1992 l-Qorti iddecidiet billi laqghet it-talba tar-rikorrent ghal ri-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-1984 ***"eskluzi pero' interessi legali dato che l-oggetti de quo inzammu mill-attur; tiddeciedi wkoll bl-ispejjez jibqghu bla taxxa, u fl-ahharnett tinzamm id-dritt lill-konvenut li jaddivjeni ghal kull rimedju legali lilu spettanti bil-ligi kontra l-attur in konsegwenza tal-operat tieghu fil-qbid arbitrarju tal-vettura in kwistjoni."***



Quddiem din il-Qorti ma gie registrat ebda zvilupp gdid li jimmerita ri-konsiderazzjoni ta' dak deciz mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza tat-2 ta' Gunju 1992.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi a tenur tal-Artikolu 258 *et seq* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tilqa' t-talba tar-rikorrent u tawtorizza l-ezekuzzjoni mill-gdid tas-sentenza fl-ismijiet *Joseph Lia vs John Gauci* (Cit Nru 402/84) deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Gunju 1984 kif varjata u reza ri-ezegwibbli bis-sentenza sussegwenti fl-istess ismijiet (Cit Nru 1189/89) deciza mill-istess Qorti fit-2 ta' Gunju 1992.

Spejjez ta' din l-istanza jkunu wkoll bla taxxa.

Miriam Hayman
Imhallef

John Muscat
Deputat Registratur